# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 580

Kaz Nru. 769

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carmen Zammit nee' Cordina

u

Dr. V.E. Ragonesi LL.D.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 26 ta' Lulju, 1994

Chairman: Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

## PRELIMINARI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra Nru. ME 2\93 ddatata 24 ta' Mejju 1993, skond il-provvedimenti ta' artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mrs Zammit kienet assistita mis-sur Maurice Petrocochino waqt li Dr. V. Ragonesi LL.D mexxa l-kaz tieghu huwa stess. Fli-'statement of case' tieghu, Dr. Ragonesi qajjem eccezz-joni preliminarja fis-sens illi Mrs Zammit kienet telqet hi mill-impjieg min rajha. Ghalhekk, it-Tribunal ddifera l-kaz biex ikun jista' jikkonsidra din l-eccezzjoni.

Konsiderazzjonijiet u Decizjoni

Irrizulta mix-xhieda illi effettivament, Mrs Zammit, dak iz-zmien Miss Cordina, kellha l-impjieg taghha terminat fis-27 ta' April 1993. Waqt li kienet qeghda tahdem in-notice u proprju gurnata qabel l-ahhar gurnata tan-notice Mrs Zammit kienet avzat lil Dr. Ragonesi lejliet li ma kienitx se tidhol ghax-xoghol dak in-nhar.

Skond li-'statement of case' taghha, Mrs Zammit dak in-nhar, kellha tmur ghal-'interview' ghall-impjieg iehor, Mrs Zammit allegat li kien ghad hemm leave dovut lilha. Dr. Ragonesi sostna illi l-leave jittiehed skond l-ezigenzi tal-ufficcju u meta jrid l-employer mhux meta trid l-impjegata. Dr. Ragonesi sostna illi peress li Mrs Zammit qabdet u ma dahlitx ghax-xoghol minghajr permess, dak li sar qabel bejnha u bejn l-employer taghha, ma baqax aktar applikabbli.

It-Tribunal ikkonsidra l-argumenti kollha. It-Tribunal huwa ta' l-opinjoni illi Mrs Zammit effettivament kellha l-impjieg taghha terminat ga, u kienet qieghda semplicement tahdem iz-zmien tan-'notice'. It-Tribunal ma jidhirlux illi jista jinghad li Mrs Zammit telqet min jeddha peress li ga kienet tkecciet.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaccetta din l-eccezzjoni; u jkompli bis-smiegh tal-kaz fuq il-merti tieghu.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg